

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 782/2007**tat-3 ta' Lulju 2007****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 634/2006 li jistipula r-regoli applikabbli għat-tqegħid fis-suq tal-kaboċċi tar-ras**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

(3) Għaldaqstant ir-Regolament (KE) Nru 634/2006 għandu jiġi emendat.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

(4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Frott u l-Ħxejjex Friski,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u l-ħxejjex ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 2(2) tiegħu,

Billi:

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

(1) Id-dispożizzjonijiet dwar ir-regoli għat-tqegħid fis-suq tal-kaboċċi tar-ras, stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 634/2006 ⁽²⁾, jistipulaw bħala obbligatorja l-indikazzjoni tan-numru ta' l-unitajiet fuq il-pakketti.*Artikolu 1*

It-tieni indentazzjoni tal-punt 6.1.D ta' l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 634/2006, għandha titħassar.

(2) Bl-għan li jiġi ffaċilitat il-kummerċ u peress li l-kaboċċi tar-ras ġeneralment jinbiegħu bl-użin u mhux skond in-numru ta' l-unitajiet, jeħtieġ li din l-obbligazzjoni titħassar.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament huwa obbligatorju fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 3 ta' Lulju 2007.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 297, 21.11.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 47/2003 (ĠU L 7, 11.1.2003, p. 64).

⁽²⁾ ĠU L 112, 26.4.2006, p. 3.